ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024

Talba Nru: CCT234/23/DS

Ritianne Bonnici

Vs

Daniel Barzashki – Mi Casa Solutions.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-9 ta' Dicembru, 2023 fejn talbet lis-soċjeta' intimata riżarċiment ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) minħabba illi l-blinds illi xtrat mingħandha bdew jiżżartu u jinqalaw wara sitt (6) xhur;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fil-11 ta' April, 2024 u ċioe' fiż-żmien mgħoti lilha mill-liġi;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħha.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti:

1. L-attriċi għamlet talba għal elf u ħames mitt Ewro (€1,500) minħabba illi l-blinds li xtrat mingħand is-soċjeta' intimata bdew "jiżżartu u jinqalgħu" pero' waqt il-kawża hija stess stqarret illi l-problema li kellha ma kienxtx fuq il-blinds kollha u li għamlet it-talba għal dak l-ammont għaliex ma kellhiex idea tal-'breakdown' tal-valur tal-blinds individwali;
2. Mill provi rriżulta illi ma hemm l-ebda problema fuq żewġ blinds tal-kmamar tas-sodda. Dan ġie kkonfermat anka mill-attriċi waqt it-trattazzjoni;
3. Il-kontenżjoni jidher illi hija dwar tiżrit fil-blind tal-kċina u l-blinds tal-kuritur. Dwar din ta' l-ewwel l-attriċi provdiet ritratti varji pero dwar tal-aħħar ma ġabet l-ebda prova. Hija sostniet illi dan għamlitu għaliex il-problema kienet identika pero' jibqa' l-fatt illi din il-prova importanti ma nġabetx u mingħajr prova tad-dannu, it-Tribunal ma jistgħax jikkunsidra li t-talbiet fil-konfront ta' dawn il-blinds tal-kuritur jistgħu jiġu ritenuti pruvati sal-grad li trid il-liġi;
4. Dwar il-blind tal-kċina li dwarha nġabet l-akbar ammont ta' evidenza, qiegħed jiġi kkonstestat illi din iżżartet mill-ġenb, m'hijiex tal-qies it-tajjeb u li l-materjal huwa mgħawweġ;
5. Dan it-Tribunal jista' jikkonstata t-tiżrit pero' m'huwiex konvint sal-grad rikjest mill-liġi li dan ma sarx b'użu ħażin tal-makkinarju li jiftaħ il-blind, tenut kont ta' fejn jinsab it-tiżrit. Il-materjal huwa 'sheer' u delikat w'għaldaqstant wieħed irid joqgħod attent kif jiftaħ u jagħlaq il-blind biex ma ssirx ħsara;
6. Rigward it-tibwiq tal-materjal, dan ma jirriżultax mill-evidenza provduta;
7. Rigward il-qies l-attriċi tikkontendi li dan mhux qies tajjeb filwaqt illi s-soċjeta' intimata tgħid illi meta saru l-blinds kien hemm madum li jimbozza aktar il-barra;
8. Is-soċjeta' intimata tgħid illi l-problema tal-qisien kellha tiġi indikata mill-bidu u għalkemm din mhux neċessarjament kellha tiġi indikata meta twaħħlet il-blind, il-liġi f'Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, fi klawsola 79, tistipula żmien ta' xahrejn minn mindu wieħed jinduna bid-difett u cioe' man-non konformita' tal-prodott ma dak pattwit, sabiex jinforma lill-bejjiegħ bil-problema. Dan jidher ċar li ma sarx f'dan il-każ w'għaldaqstant ir-rimedji li tistipula l-liġi ma jistgħux jiġu applikati;
9. Rigward il-materjal, dan it-Tribunal ma jistgħax jgħid li mhux tal-kwalita' pattwita għaliex ma ra l-ebda evidenza b'referenza għall-materjal pattwit;
10. Rigward il-blind illi minnha jidher illi qiegħda toħroġ il-virga għandu jingħad illi huwa minn natura ta' Roman blind illi jkun hemm dawn il-vireg illi jinqalgħu sabiex ikun jista' jsir il-ħasil tal-istess u wara ċertu żmien għandu mnejn ikun hemm xi moviment mhux mixtieq pero' dan m'huwa bl-ebda mod difett illi għandu jġib miegħu xi konsekwenza legali;

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha m'għandiex tiġi milqugħa.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes jibqgħu bla taxxa bejnet il-partijiet.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru